**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 10 ta' Marzu, 2016

Rikors Kongunt Nru : 513/15 AL

**Nebojsa Kurgic**
**ID 0033974A**
**u**
**Christine Beckson**
**ID 0112490M**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' divorzju konguntiv illi gie ikkonfermat bil-gurament miz-zewg rikorrenti, li permezz tieghu ippremettew:

Illi l-partijiet izzewgu fl-erbgha u ghoxrin ta' Jannar tas-sena elfejn u disgha (24.1.2009) fil-Bosnia u Herzegovina liema registrat gie registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta u ghandu registrazzjoni numru 28/2009 (kopja tac-certifikat taz-zwieg anness u markat Dok A);

Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet ma kellhomx tfal;

Illi matul dan iz-zwieg il-partijiet ghamlu aktar minn erba snin minnhom separati de facto u anke jghixu f'indirizzi separati u minn dak iz-zmien qatt ma regghu irrikonciljaw;

Illi l-partijiet ma ghandhom ebda assi li jappartjenu l-komunjoni tal-akkwisti;

Illi manteniment lejn xulxin mhux il-kaz ghax il-partijiet it-tnejn iddekadew u ghandhom relazzjoni ma haddiehor u t-tnejn jahdmu;

Illi l-partijiet ilhom separati de facto ghal aktar minn erba snin u minn dak iz-zmien qatt ma regghu irrikonciljaw;

Illi huma gew awtorizzati jipprocedu ghal kawza ta' divorzju u permezz tad-digriet anness u markat Dok B;

Talbu li din il-Qorti joghgobha :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg li gie celebrat fl-erbgha u ghoxrin ta' Jannar tas-sena elfejn u disgha (24.1.2009) fil-Bosnia u Herzegovina liema registrat gie registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta u ghandu registrazzjoni numru 28/2009;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-23 ta' Dicembru, 2015;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat illi minkejja il-fatt illi l-partijiet mhumiex legalment separati huma ghaddew mill-procedura tal-medjazzjoni;

Illi il-Qorti rat ghalhekk illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom de facto separati ghal aktar minn erba’ snin u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi il-Qorti rat ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ hlas ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

Dr Abigail Lofaro
Imhallef

Rita Vella Baldacchino
Deputat Registratur